# Tagħrif ġenerali dwar il-Festa tal-Patroċinju ta' San Ġużepp

Kitba ta' Anthony Casha

Kien fl-1416, meta l-Franċiż Jean Gerson (1363-1429), Kanċillier tal-Università ta' Pariġi u wieħed mill-aqwa teologi importanti fil-Konċilju Ekumeniku ta' Kostanza, li kien sar mill-Knisja Kattolika bejn l-1414 u l-1418, fid-djoċesi ta' Kostanza fejn illum tinsab Baden, il-Ġermanja. F'wieħed mid-diskorsi tiegħu fl-istess Konċilju, invoka lil San Ġużepp bħala "Patrun tal-Knisja". Bit-tama li jgħaqqad il-Knisja li dak iż-żmien kienet tinsab imħawda minħabba li kien hemm żewġ anti-papiet mal-Papa awtentiku[1].



*Jean Gerson (1363-1429)*

Fl-istess seklu 15, insibu li d-Diario Romano ta' Gaspare Pontani, isemmi l-Festa tal-Patroċinju ta' San Ġużepp li ġiet iċċelebrata fit-13 ta' Mejju tal-1478, li din id-data kienet taħbat ir-Raba' Ħadd ta' wara l-Għid l-Kbir[2]. F'Avignon fi Franza sa' mill-1500, il-Fratellanza tal-Agonizzanti kienet tiċċelebra l-Festa tal-Patroċinju ta' San Ġużepp, fit-Tielet Ħadd ta' wara l-Għid, fejn kienet issir ukoll purċissjoni solenni mal-belt kollha[3].

Fl-1621 il-Kapitlu Ġenerali tal-Ordni Karmelitan, għażel lil San Ġużepp biex ikun patrun u missier tal-Ordni kollu[4]. Fl-1680 il-Vatikan permezz tas-Sagra Kongregazzjoni tar-Riti kien ta permess lill-Patrijiet Karmelitani li jiċċelebraw il-Festa tal-Patroċinju ta' San Ġużepp fit-Tielet Ħadd ta' wara l-Għid bit-test proprju għall-Quddiesa u b'uffiċċju proprju tal-qari tal-Liturġija tas-Sigħat, li kien ġie miktub minn Patri Ġwann tal-Kunċizzjoni[5]. Il-festa ġiet estiża għall-Ordni Agostinjan fl-1700, lid-Djoċesi tal-Messiku fl-1703, u ftit wara lil ħafna ordnijiet reliġjużi oħra u lil divesi djoċesijiet madwar id-dinja[6].

Din il-Festa tal-Patroċinju ta' San Ġużepp kienet ukoll tiġi ċċelebrata



f'Malta, fejn din kienet tiġi ċelebrata ta' kull sena matul is-seklu 18, fit-Tielet Ħadd ta' fuq l-Għid. Fil-fatt kien l-Isqof ta' Malta Fra Paolo Alpheran de Bussan (1728-1757) li kien talab lis-Sagra Kongregazzjoni tar-Riti biex tibda tiġi ċċelebrata din il-Festa tal-Patroċinju f'Malta. Dan il-permess kien ingħata lill-imsemmi Isqof, fit-30 ta' Jannar 1731. Din il-Festa kienet tiġi kommemorata wkoll mill-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann, fil-Knisja Konventwali tagħhom fil-Belt Valletta. Fl-1740, il-Gran Mastru Fra Ramón Despuig (1607-1741), kien waqqaf fondazzjoni, li fiha kien ta l-fakultà lill-Viċi Pirjur tal-Ordni biex jiċċelebra l-Quddiesa fl-okkażjoni ta' din il-Festa tal-Patroċinju ta' San Ġużepp fuq l-altar tal-Kappella tat-Tre Re, fejn fil-kwadru titulari fuq l-altar ta' din il-Kappella tal-Lingwa tal-Ġermanja, li juri x-xena tal-Epifanija tal-Mulej, xogħol li sar fl-1667 mill-pittur Malti Stefano Eardi (1630-1716), naraw ukoll il-figura prominenti ta' San Ġużepp. Kif ukoll kien ta lill-istess Viċi Pirjur il-permess, li segħta jiċċelebra din il-Quddiesa wkoll f'dan il-jum fuq l-altar maġġur tal-istess Knisja Konventwali[7].

Din il-Festa tal-Patroċinju ta' San Ġużepp kienet ukoll tiġi ċċelebrata mill-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp, fil-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù fir-Rabat tal-Imdina, fejn kienet ukoll issir il-pruċissjoni bl-istatwa ta' San Ġużepp. Fil-jiem ta' qabel din il-Festa tal-Patroċinju l-imsemmija Arċikonfraternità kienet ukoll tagħmel novena bit-tħejjija għal din il-Festa, din in-novena kienet issir fil-Kappella ta' San Ġużepp fil-Knisja mmsemija[8]. Din il-Festa kienet tiġi ċċelebrata apparti dik tad-19 ta' Marzu, li l-imsemmija Arċikonfraternità dejjem iċċelebrat bl-akbar u bl-aqwa solennità.



L-Isqof ta' Malta Fra Paolo Alpheran de Bussan (1728-1757)

Sa nofs is-seklu 19 din il-festa kienet mifruxa f'ħafna pajjiżi tad-dinja, tant li l-Papa Piju IX, fl-10 ta' Settembru tal-1847, kien estenda din il-festa mal-Knisja Universali b'Quddiesa proprja u b'Uffiċċju proprju, imsejħa tal-"Patroċinju ta' San Ġużepp", biex tiġi ċċelebrata bħala sekonda klassi doppja fit-Tielet Ħadd wara l-Għid[9]. Kien għalhekk li d-digriet importanti tat-8 ta' Diċembru tal-1870, li ddikjara lil San Ġużepp Patrun tal-Knisja Universali, kien għarfien teoloġiku ta' dak li realment kien diġà qed jiġi ċelebrat, għalkemm ma kien hemm l-ebda obbligu li tiġi ċelebrata b'mod solenni liturġikament.

It-talbiet tal-prelati li ppreżentaw lill-Papa Piju IX fil-Konċilju Vatikan I tal-1869-70; biex San Ġużepp jiġi ddikjarat solennament Patrun tal-Knisja Kattolika, kienu tlieta fin-numru. L-ewwel petizzjoni, kienet iġġib il-firem ta' 118-il Isqof. It-tieni petizzjoni kienet iffirmata minn 43 Superjuri Ġenerali ta' diversi Ordnijiet Reliġjużi. It-tielet petizzjoni kienet iffirmata minn 256 Kardinali u Isqfijiet.



Tliet santi antiki li juru l-Patroċinju ta' San Ġużepp fuq il-Knisja Universali

F'dan ir-rigward ta' min isemmi l-fatt, li mill-Ingilterra biss kienet ġiet mibgħuta Ruma matul l-imsemmi Konċilju Vatikan I, petizzjoni f'żewġ rollijiet kbar li fihom kien hemm il-firma ta' mitejn elf persuna. Din kienet petizzjoni li fiha kien hemm mitlub ukoll biex San Ġużepp jiġi ddikjarat Patrun tal-Knisja Kattolika. Din il-petizzjoni kienet ir-riżultat ta' appell mibgħut mis-St. Joseph Missionary College, u ġie ppreżentat lill-Papa Piju IX mill-Arċisqof ta' Westminster u mill-Isqof ta' Beverly[10].

Piju IX laqa' bil-ferħ dawn it-talbiet. Mill-bidu tal-Pontikat tiegħu kif diġà semmejna fl-10 ta' Settembru 1847, huwa ffissa l-Festa fil-Liturġija tal-Patroċinju ta' San Ġużepp fit-tielet Ħadd ta' fuq l-Għid. Diġà fl-1854, f'akklamazzjoni vibranti u devota, indika f'San Ġużepp il-preżenza ċerta tal-isperanza tal-Knisja wara l-Verġni Mqaddsa Marija. Kien fit-8 ta' Diċembru tal-1870, meta l-Konċilju Vatikan I sospiż minħabba l-avvenimenti politiċi ta' dak iż-żmien, laqa' bil-ferħ f'Jum is-Solennità tal-Immakulata biex San Ġużepp jiġi proklamat b'mod solenni u uffiċjali Patrun tal-

Knisja Universali u biex tiġi mgħollija l-Festa tad-19 ta' Marzu, b'ċelebrazzjoni liturġika b'rit doppju prima klassi.

Kien dak id-digriet tat-8 ta' Diċembru 1870 – digriet qasir, iżda grazzjuż u ammirabbli "Urbi et Orbi" verament denn ta' "Ad perpetuam rei memoram", li fetaħ vina ta' ispirazzjonjiet rikki u prezzjużi għas-suċċessuri ta' Piju IX. Għalhekk dan id-digriet kien aktar minn proklamazzjoni uffiċjali ta' għarfien lejn il-Patroċinju ta' San Ġużepp fuq il-Knisja.



*Xena tal-Patroċinju ta' San Ġużepp fuq il-Knisja Universali*

Fl-1911il-Papa San Piju X kien ħareġ digriet li kien jirreferi għal dak li kien ħareġ aktar qabel, fejn il-Festa tal-Patroċinju ta' San Ġużepp ġiet mogħtija rank aktar għoli b'titlu ġdid: "Solennità ta' San Ġużepp, Konfessur, Patrun tal-Knisja Universali" li għadha tiġi ċċelebrata fit-Tielet Ħadd ta' wara l-Għid bħala doppja prima klassi bl-Ottava u tiġi meqjusa bħala festa primarja[11]. Bit-tibdil li kien sar fl-1913 fil-Missal u l-Brevrarju ġie ordnat li l-festi kollha b'eċċezzjoni tat-Trinità, għandhom jiġu mneħħija mill-Ħadd, u għalhekk il-Festa tal-Patroċinju ta' San Ġużepp bdiet tiġi ċċelebrata fl-Erbgħa ta' qabel it-Tielet Ħadd wara l-Għid, filwaqt li tibqa' żżomm l-Ottava, ir-rank u t-titlu[12].

Fl-1956 wara li ġiet imwaqqfa l-Festa ta' San Ġużepp Ħaddiem, il-Festa tal-Patroċinju ġiet imneħħija, iżda t-titlu ta' "Patrun tal-Knisja Universali" tħalla billi ġie mdaħħal liturġikament fil-Festa tad-19 ta' Marzu, li hija s-Solennità Liturġika u prinċipali ta' San Ġużepp. Fl-1957 il-Patrijiet Karmelitani Skalzi, li oriġinaw il-Festa tal-Patroċinju madwar tlett mitt sena qabel, ingħataw permess biex iħallu din il-festa fil-kalendarju rivedut tagħhom bħala festa b'rit doppju prima klassi b'Uffiċċju proprju u Quddiesa ċelebrata fit-Tielet Erbgħa wara l-Għid[13].

Meta fl-1969 ġie approvat mill-Papa Pawlu VI r-reviżjoni tal-kalendarju liturġiku, il-festa ta' San Ġużepp tad-19 ta' Marzu tneħħiet wara ismu r-referenza "Patrun tal-Knisja". Dan it-tibdil kien sar minħabba tibdil ġenerali fl-istess kalendarju fejn tneħħew ħafna festi tal-qaddisin u l-patronat tagħhom. Rigward it-titlu ta' San Ġużepp dak ta' Patrun tal-Knisja li tneħħa mill-kalendarju ma tantx deher li għamel sens, peress li San Ġużepp huwa patrun mhux biss ta' xi lokalità iżda l-patroċinju tiegħu huwa mifrux b'mod universali.

Mill-1979 'il hawn ġew ippreżentati pettizjonjiet mis-Superjuri Ġenerali, miċ-Ċentri tal-Josefoloġija u mis-Simpożji Internazzjonali dwar San Ġużepp, biex wara ismu fil-kalendarju liturġiku jiġi mniżżel li huwa l-Patrun tal-Knisja Universali, iżda r-risposti kollha kienu negattivi. Ma dan kollu, dan it-titlu xorta waħda baqa' jżomm il-valur tiegħu u xorta waħda għadu jitnizzel fil-kalendarji u testi tal-istituzzjonijiet reliġjużi.

Tant hu hekk li l-Papa San Ġwanni Pawlu II, fl-Eżortazzjoni Appostoika "Redemptoris Custos", imur jiddedika l-aħħar kapitlu tagħha, kapitlu 6 lill-"Patrun tal-Knisja fi żmienna", li b'awtorità jagħti importanza lil dan it-titlu u l-ħtieġa tal-patroċinju tiegħu:

"Dan il-patroċinju għandu jitqies illum ukoll bħala meħtieġ għall-Knisja, mhux biss għall-ħarsien tagħha kontra kull tiġrib, imma wkoll, u l-aktar biex iħeġġiġna għall-impenn ġdid ta' evanġelizzazzjoni"[14].

**Noti u referenzi:**

[1] John Carmi Parsons, Bonnie Wheeler *Medieval mothering*, 1999. p.107.

[2] *Il Diario Romano Di Gaspare Pontani Già Referito Al "Notaio Del Nantiporto" 30 Gennaio 1481 – 25 Luglio 1492*, Edizioni Tajana, 2019.

[3] Informazzjoni mogħtija mir-Rev. P. Tarcisio Stramare O.S.J., fil-paġna tal-Movimento Giuseppino, taħt it-tiltu: *San Giuseppe nella liturgia*.

[4] Patrigani S.J. *A Maual of Practical Devotion to St Joseph.* Dan il-ktieb kien ġie mitkub oriġinalment minn dan il-Patri Ġiżwita fl-1709. Ġie pubblikat għall-ewwel darba minn James Duffy, fl-1865 fl-Irlanda kif ukoll fl-1979 minn Marian Publications u reġa' ġie pubblikat minn TAN Publications fl-2010, p. 56, p. 233

[5] Op.cit. p. 56.

[6] Op.cit., pp.56 – 60.

[7] Scarabelli Giovanni, *Catalogue of the Records of the Order of St John of Jerusalem in the National Library of Malta*, Vol XIII, Archives 1952-1953, The Cœremoniale and the Kalendarium, Culto e Devozione dei Cavalieri a Malta, The University of Malta, Rome, 2004, pp. 124-125.

[8] Arkivju Arċikonfraternità San Ġużepp – Rabat, Ms. Libro B: Libro in cui si registrano le Consulte spettante alla Ven. Cogregazione di San Giuseppe del Borgo della Città Notabile 1761-1784, f.21, f.33, ff. 46 – 49.

[9] *Decreta Authentica Congregationis Sacrorum Rituum et Instructio Clementina ex actis ejusdem collecta* ab A. Gardellini, in usum Cleri commodiorem ordine alpabetico concinnata, op. et studio W. Mühlbauer, Munich u Parigi, 1862-1867, 3 vv. 2: 665-6. (A)rkivju tas-(S)agra (K) ongregazzjoni tar-Riti, Ruma, 1846-47 f.497 v – 499 r. Ara wkoll *Manuale Decretorum Sacræ Rituum Congregatiois quæ ex collectione authentica ad Ecclesiasticorum utilitatem et opportunitatem depromta sunt*, Ratisbon, Manz, 1873, 441 no. 2168; Barbier de Montault, Xavier, Msgr., *Oeuvres complètes*, Pariġi – Poitiers, 1889-1902, 16 vv. 8: pp. 425-426.

[10] *Amplissima Conciliorum Collectio*, Leipzig, 1927, 53: pp 576-9. Il-petizzjoni weħeda tinsab fl-*(A)cta et (D)ecreta (S)acroum (C)onciliorum (R)ecentiorum...*,(Collectio Lacensis), Freiburg im Breisgau, 1870-1892, p. 7vv, 7: pp.895-7; op.cit. 53: p.580. Il-petizzjoni weħeda tinsab ukoll fl-ADSCR, op.cit, 7: p.896; kif ukoll tinsab fil-*(C)ahiers de (J)osephologie*, Centre de Recherche et de Documentation, Oratiorie Saint-Joseph, Montreal, Kanada, 10: pp. 14-15, 94-95. Ara wkoll ADSCR, op.cit. 53, pp. 581-4. C.Macabiau S.J. *De cultu Sancti Joseph Sponsi Virginis Mariae ac Christi Parentis amplificando postulatem a plusquam nongentis cardinalibus, espiscopi, superioribus generalibus subscriptum thelogicis thesibus obfirmatum auctore* C.M..., 2ed, Pariġi, Lecoffre, 1908, pp. 4 -13. Il-petizzjoni weħeda tinsab ukoll fil-CJ, 10: pp.15-18, 95-98; ADSCR, op.cit., 7, pp. 895-7. Blain Burkey O.F.M. Cap., *Pontifica Josephina – Pie IX*, C, CJ, 1962-1965, p. 159. Ara wkoll id-dokumenti tas-Sagra Kongregazzjoni tar-Riti, *espistola circularis 8 dec. 1870*. Joseph Calasancti Card. Vives y Tuto O.F.M. Cap., *Summa Josephina*, Ruma, 1907, nru: 2808-2928 (Acta S. Sedis de S. Joseph); *L'Osservatore Romano*, Ruma, Nru. 252, 9 ta' Diċembru 1870;.
Digriet *Quemadmodum Deus*, 8 ta' Diċembru 1870, Acta Pii P.M. 5, Ruma 1873, p. 282; Thompson Healy Edward M.A., *The Life and Glories of Saint Joseph*, Tan Books And Publishers Inc., Rockford, Illinois, Amerika, 1980, p. 476.

[11] *(A)cta (A)postolicæ (S)edis, Commentarium Officiale*, Ruma, 1909, 3, pp. 350-1; (A)rkivji tas-(S)agra (K) ongregazzjoni tar-(R)iti, Ruma, 1911, f.131; *(C)odicis (I) uris (C)anonici (F)ontes*, cura et studio, Emi Iustiniani Card. Seredi, ed., Ruma, Stamperija Vatikana, 1926-1939, 8: pp. 413-4 no. 6387; *Decreta Authentica Congregationis Sacrorum Rrituam ex actis eiusdem collecta eiusque auctoritate promulgata*,,,, Ruma, Polyglot, 1898-1927, 6: pp. 125-6, no. 4273; *(R)oman (D)ocuments and (D)ecrees: a collection of Apostolic Letters and Encyclicals, etc., and Decrees of the Various Roman Congregations*, ed., Rev. David Dunford, N.Y, Benziger, 1902 ?- 1914, 6: pp. 21-22.

[12] *ASS* 5: pp. 457-64; ASKR, 1913, f.146; RDD,10: pp. 4-10; CICF 8: pp. 420-22, no. 6394.

[13] ASKR, 1957, f. 97r.

[14] Eżortazzjoni Appostolika: *Il-Persuna u l-Missjoni ta' San Ġużepp fil-Ħajja ta' Kristu u tal-Knisja*, Papa San Ġwanni Pawlu II, '15 ta' Awwissu, 1989, verżjoni bil-Malti, Media Centre Publications, 1990, p. 30.


Dingli Butcher
Rabat




Specialising in:
• Frozen Poultry Products
• Fresh & Frozen Meat
• Frozen Vegetables
• Marinated Meat

Free Delivery Service!

Contact:
Tel: 2145 5893
Mob: 7945 5893

Location:
Dingli Road, Rabat

Business Hours:
Tuesday, Thursday, Friday and Saturday
7.00 a.m. – 12.00 p.m.
Monday, Wednesday and Friday
4.00 p.m. – 7.00 p.m.
July, August and September
Monday closed all Day

GOLDEN
LION
Snack bar

Prop: J. Ciantar



28, St. Augustine Street, Rabat
Tel: 2145 2470

For Reservations
Mob: 9947 7072